# TLIET MILIDIJIET KULL SENA F'BETLEHEM!

Min jgħix f'Betlehem, jew talanqas jgħaddi f'dik il-belt qisu xahar, mill-24 ta' Diċembru sad-19 ta' Jannar, jara ħaġa donnha tal-daħk: il-Milied, hemmhekk jiġi tliet darbiet wara xulxin kull sena. L-ewwel wieħed fil-25 ta' Diċembru, it-tieni fis-6 ta' Jannar, u l-aħħar fid-19, ta' Jannar ukoll. Donnu li l-Bambin mhux bħat-trabi l-oħra, twieled darba; huwa twieled tliet darbiet!

Imma mhux *il-Bambin twieled* tliet darbiet; is-*sena tbiddlet* tliet darbiet. U billi f'Betlehem hemm Insara ta' tliet xorta, kull ħadd jagħmel Għid il-Milied kif jitlob il-Kalendarju tiegħu. Hekk il-Milied idum sejjer qisu xahar sħiħ: tal-Latini fil-25 ta' Diċembru; tal-Griegi fis-6 ta' Jannar; u tal-Armeni fid-19 ta' Jannar.

Issa naraw ftit kif ġara dan.

San Pifân, li għex fis-seklu IV (miet sewwa-sew fis-sena 403), jgħid li fi-żmienu fl-artijiet tax-Xerq (jiġifieri fl-Orjent, jew il-Lvant) kienet issir it-Tifkira tat-Twelid ta' Ġesù, tad-Dehra tiegħu, jew Epifanija, u tal-Magħmudija, kollha f'daqqa, fis-6 ta' Jannar. Wara li f'Ruma Għid il-Milied beda jsir fil-25 ta' Diċembru (biex titħassar il-festa Pagâna ta' Mithra), did-drawwa ma baqgħetx tinżamm kull imkien; nħawi nqasmet fii tnejn, jiġifieri l-Insara bdew jagħmlu t-Tifkira tat-Twelid ta' Ġesù fil-25 ta' Diċembru, u d-Dehra, jew Epifanija, fis-6 ta' Jannar (f'Antjokja u f'Kostantinopli għall-aħħar tas-seklu IV; fil-Masar — l-Eġittu — wara s-sena 420, u f'Gerusalem wara s-sena 550). Il-knisja Armena kienet tagħmel iż-żewġ Għejjieda, tat-Twelidu tad-Dehra, f'jum wieħed, jiġifieri fis-6 ta' Jannar; meta mbagħad infirdet mill-Knejjes Insara l-oħra, billi ma reditx tilqa' dak li kien inqata' mill-Konċilju ta' Kalċedonja fis-sena 451, ma sseħħbitx fid-drawwa talbqija tal-Insara, li tagħmel il-Milied fil-25 ta' Diċembru.

Mela: il-Milied isir fil-25 ta' Diċembru fil-Knejjes Insara kollha, barra mill-Knisja Armena, li baqgħet tagħmel il-Milied fis-6 ta' Jannar, flimkien mal-Epifanija.

Imma l-ewwel m'għedniex li l-*Griegi* jagħmlu l-Milied fis-6 ta' Jannar, u li l-Armeni jagħmlu tagħhom fid-*19* ta' dak ix-xahar?

Iwa: oqgħod naqra ħsiebek hawn, ħalli tifhem din.

Billi meta nħatar il-Kalendarju Gregorjân (jiġifieri ssewwa l-Kalendarju Ġuljân) tnaqqsu għaxart ijiem mix-xahar t'Ottubru, u wara reġgħu tnaqqsu jiem oħra wkoll, ġara li l-25 ta' Diċembru, fil-Kalendarju Gregorjan li jimxu fuqu l-Kattolki, jaħbat tlettaxer jum qabel il-25 ta' Diċembru tal-Kalendarju Ġuljân, li jimxu fuqu l-Knejjes Xerqija, jew Orjentali.

Għal hekk issa l-Milied tal-Knejjes Xerqija jaħbat tlettaxer jum *wara* l-Milied tal-Knisja Kattolka; għax l-Insara Kattolki naqqsu dawk il-jiem mis-sena, u l-Insara Xerqija ma naqqsuhomx. Imbagħad l-Armeni, it-Tifkira tal-Milied fil-25 ta' Diċembru qatt ma reduha, u hekk baqgħu jagħmlu l-Milied u l-Epifanija f'daqqa, fis-6 ta' Jannar tal-Kalendarju Ġuljân, li jaħbat id-19 ta' Jannar tal-Kalendarju Gregorjân.

MUDIR IL-MAĠELLA.